MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006

Numru 481/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**
**V**

**MARIO PISANI ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARIO PISANI ZAMMIT** bin Alfred u Frances nee Zammit, imwieled Floriana nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 1956 u joqghod 4, Belvedere Terrace, Sliema, detentur ta' karta tal-identita numru 256056M gie mressaq quddiemha akkuzat fl-ewwel ta' Gunju 2002 u fil-hdax ta' Lulju 2002 rispettivament, waqt li kien f'impjeg jew kariga bhala *factory manager* mas-socjeta Rimus Trading Agency Limited ta' B41, Bulebel Industrial Estate, Zejtun:

1. Approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat meta dan gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depositu necessarju;

2. Talli ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, wkoll billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti li dawk l-atti jew skrittura kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, meta l-ammont ta' hsara maghmula minnu huwa ta' aktar minn mitt lira u mhux aktar minn elf lira maltin;

3. Talli d-diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti, kienu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u li dawn l-atti ghalhekk jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar d-disgha ta' April 2003 esibita bhala dokument JA [fol 15] kif wkoll il-kunsens tal-Avukat Generali datat tletin ta' Mejju 2003 esibit bhala dokument CSH 3 [fol 10], sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta fis-seduta tat-tnejn w ghoxrin ta' Settembru 20063 u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat wkoll l-kwerela ta' Dottor Paul Farrugia esibita fl-atti bhala dokument CSH 2 a fol 7.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tas-sittax ta’ Ottubru 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Settembru 2003 **xehed l-Ispettur Joseph Agius** [fol 12] fejn qal li fis-sbatax ta’Marzu 2003, hu rcieva kwerela minghand Dottor Paul Farrugia f’isem s-socjeta Rimus Trading Limited fejn f’isem d-direttur Kynan Muscat, irrapporta li zewg cekkijiet li kienu hargu minn dan d-direttur f’isem il-kumpanija, kienu gew imsarrfa b’firma falza u mhux mill-persuna li f’ismu kien intestat c-cekk. Mal-ittra gew ippresentati zewg fotokopji ta’ dawn ic-cekkijiet u minn investigazzjoni mizmuma minnu rrizulta li dawn gew imsarrfa minn Mario Pisani Zammit, l-imputat odjern, li f’xi zmien kien impjegat bhala manager ma din l-istess socjeta Rimus Trading Limtied.

Kompla jixhed li hu kien baghat ghal imputat fejn wara li tah s-solita twissija, staqsih dwar z-zewg cekkijiet in dezamina, u l-imputat kien ammetta mieghu li kien hu li ffirmhom u li sarrafhom izda qal li dan ghamlu bil-permess ta’ certu Carmelo Dalli.

Spjega li dawn ic-cekkijiet kienu hargu fiz-zmien li l-imputat kien manager tal-imsemmija socjeta u dan bhala hlas ghal Carmelo Dalli li kien sewwa xi fran tas- socjeta.

Qal li c-cekkijiet kienu ta’ mitejn lira kull wiehed, wiehed bid-datat l-ewwel ta’ Gunju 2002 mahrug mill-HSBC li jgib in-numru 1505 u l-iehor ta’ mitejn lira datat hdax ta’Lulju 2002 mill-HSBC wkoll li jgib in-numru 1520. Qal li dawn ic-cekkijiet sa dakinhar li kien qed jiddeponi, ma kienux ghadhom waslu ghand Carmelo Dalli.

Ix-xhud kompla jispjega li hu kkuntattja lil Carmelo Dalli fejn dan qallu li sa dakinhar ma kien ircieva ebda flus. Qal li hu kien ha stqarrija minghand l-imputat fid-disgha ta’ April 2003 fejn kien ammetta li kien ircieva z-zewg cekkijiet biex jghaddihom lil Carmelo Dalli izda peress li

dak z-zmien kellu bzonn il-flus, kien ftiehem ma Carmelo Dalli li kellu jsarrafhom hu f'ismu u wara jghaddilu l-flus.

Qal li dan fil-fatt ghamlu, iffirma l-ewwel cekk b'firma falza allegatement bil-kunsens ta' Carmelo Dalli u zamm l-istess flus ghalih, ghalkemm kellu l-intenzjoni li jghaddihom lil Carmelo Dalli. Dwar t-tieni cekk, ix-xhud kompla jghid li l-imputat ammetta mieghu li sarrfu wkoll pero din d-darba minghajr l-kunsens ta' Carmelo Dalli.

Spjega li fil-fatt Carmelo Dalli spicca biex mar jikkomplejna mad-ditta li kien ghadu ma thallasx l-erbgha mitt lira tax-xoghol li kien ghamel u ghalhekk gie mitlub sabiex jittiehdu passi fil-konfront tal-imputat odjern, peress li kien ghamel frodi fuq dawn il-flejjes. Ix-xhud esibixxa l-istqarrija tal-imputat li giet mmarkata bhala dokument JA [fol 15], liema stqarrija l-imputat ffirmaha. Ix-xhud ikkkonferma l-firma tieghu, dik ta' PC 1094 Arthur Fenech li kien xhud tal-istqarrija, liema stqarrija ttiehdet wara li l-imputat inghata s-solita twissija.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Settembru 2003 **xehed Carmelo Dalli** [fol 172] fejn qal li fix-xahar ta' Mejju jew Gunju tas-sena 2002, hu kien gie mqabbad jaghmel xi xoghol fuq fran tas-socjeta Rimus Trading Agency Limited u ghal dan x-xoghol ma kienx thallas. Qal li skond ma qallu Kynan Muscat Scerri, l-imputat odjern kien hareg zewg cekkijiet intestat lilu. Qal li l-istima li hu kien taha lil kumpanija kienet ta' hames mitt lria. Qal li hu qatt ma ra dawn ic-cekkjiet u li x-xoghol kien qabbdu jaghmlu l-imputat odjern.

Meta gie muri l-parti ta' wara tal-fotokopja tac-cekkijiet esibiti l-Qorti, u gie mistoqsi mill-Qorti jekk hemmx l-firma tieghu ix-xhud wiegeb li ebda wahda mill-firem li hemm ma hija tieghu.

Ix-xhud spjega li xogholu u ta' *senior fitter* mal-Enemalta u x-xoghol ta' tiswija jaghmlu *part time*. Qal li hu ma jirreklamax xogholu ta' tiswija ta' fran u dan ix-xoghol ghamlu ghaliex gie mqabbad mill-imputat peress li kien jafu peress li kien jahdem l-Consolidated Biscuits.

Qal li apparti din il-bicca xoghol, l-imputat kien ghaddielu bicca xoghol ohra meta kien jahdem l-Consolidated Biscuits. Qal li l-imputat qatt ma qala xi *commission* jew xi haga ohra talli qabbdu jaghmel dawn iz-zewg bicciet xoghol u *deal* bejniethom ma kienx hemm li kellhom jaqsmu xi flus kif allegat d-difiza. Qal lil-imputat qatt ma tah xi *spare parts* personalment. Qal li hu kien ghamel xi xoghol mal-Consolidated Biscuits qabel ma l-imputat qabdu jaghmel xi xoghol u fil-fatt mal-Consolidated Biscuits ma kienx l-imputat li ntroducih, kuntratrjament ghal dak li gara mas-socjeta Rimus Trading Limited. Zied jghid li l-imputat kien qallu li Kynan Muscat Scerri kellu jhallsu pero hu qatt ma ra cekkijiet f'idejh, hadd qatt ma tah cekkijiet. Qal li Kynan Muscat Scerri kien qallu li l-imputat kien qed jiffittah u jghidlu li hu [ix-xhud] ried il-flus meta ma kien xejn minn dan, u li l-imputat kien jitla kuljum ghandu biex jithallas u jitlob l-flus. Qal li x-xoghol in kwistjoni kien ghadu ma spiccahx, kien ghadu ghaddej u hu ma ggielidx ma Kynan Muscat Scerri ghaliex c-cekkijiet kien ghaddihom lil imputat u mhux lilu. Qal li sa dakinhar kien ghadu ma thallas xejn tax-xoghol li kien ghamel. Qal li hu kien ghadu ma talabx l-flus lil Rimus Trading Limtied peress li x-xoghol kien ghadu mhux lest. Qal li lilu, Kynan Muscat Scerri qatt ma qallu li meta tinqata l-kawza, kien ser ihallsu.

Zied jghid li n-numru tal-karta tal-identita tieghu tah lil imputat ghaliex kien qallu li kellu bzonnu ghal insurance. Sahaq li bejn l-ewwel ta' Gunju u l-hdax ta' Lulju hu qatt ma rcieva pagament mill-kumpanija Rimus Trading Limited la f'dak l-perjodu u lanqas wara, qatt ma rcieva xi dokument mill-kumpanija biex johrog ricevuta ghal hlas.

Qal li l-imputat kien cempillu darbtejn, l-ewwel darba kien talbu n-numru tal-karta tal-identita tieghu, w t-tieni darba meta infurmah li kien ser jigi arrestat fuq kwistjoni ta' cekkijiet u dakinhar hu kien qataghlu t-telefonata. Qal li meta tah n-numru tal-karta tal-identita tieghu, lil imputat, hu ma kienx jaf bil-kwistjoni tac-cekkijiet. Qal li kwistjoni dwar l-karta tal-identita tieghu dwar insurance qatt ma kellu fix-xoghol tieghu pero ma kienx raha haga stramba li

talabulu. Cahad li hu taha in-numru tal-karta tal-identita lil imputat biex ikun jista jsarraf ic-cekkijiet hu. Kompla jghid li Kynan Muscat Scerri kien baghat ghalih u staqsih jekk kienx iffirma xi cekkijiet u hu qallu li hu ma kien iffirma ebda cekk. Qal li llum il-gurnata hu kien biddel in-numru tal-mobile phone tieghu.

Cahad b'mod kategoriku dak li allega l-avukat difensur tal-imputat li l-imputat kien cempillu u qallu li kellu c-cekkijiet u hu kien irrispondih li kien jiddejjaq imur l-bank u allura setgha jiffirmhom u jsarrafhom hu.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Settembru 2003 **xehed Johann de Maria** [fol 21] fejn qal li c-cekkijiet in kwistjoni llum il-gurnata qed jigu distrutti w ghalhekk ma kienx f'posizzjoni li jivverifika l-fotokopja bhala kopja originali tad-dokument originali. Ix-xhud esibixxa zewg fotokopji tac-cekkijiet mahruga minn Kynan Muscat Scerri favur Carmelo Dalli li jgibu d-data tal-ewwel ta' Gunju 2002 u l-hdax ta' Lulju 2002, t-tnejn fl-ammont ta' mitejn lira. Qal li minn dak li rrizultalu dawn c-cekkijiet gew imsarrfa w ghalhekk mill-kont ta' Kynan Muscat Scerri giet imnaqqsa s-somma ta' erbgha mitt lira. Qal li dawn ic-cekkijiet ssarfu fil-branka ta' Rahal Gdid. Ghar-rigward c-cekk tal-hdax ta' Lulju 2002, l-iskrivana kellu numru 137 u fir-rigward tac-cekk datat l-ewwel ta' Gunju 2002 l-iskrivana kellha n-numru C002. Qal li c-cekkijiet gew distrutti wara sena u l-original hu ma rahomx.

Spjega li peress li l-impjegati tal-bank jiskanjaw kull cekk, bhala rappresentant ta' bank hu awtorizzat li jaghmel li dawk huma vera kopja tal-original. Qal li hu m'ghandux idea minn iffirma fuq il-parti ta' wara tac-cekkijiet in kwistjoni. Qal li c-cekk li hareg fl-ewwel ta' Gunju 2002 gie *cashed* fit-tnax ta' Gunju 2002 fl-ghaxra w nofs neqsin sebgha minuti ta' filghodu, filwaqt t-tieni cekk u cioe dak tal-hdax ta' Lulju 2002 gie *cashed* fit-tnax ta' Lulju 2002 fl-ghaxra u tmintax il-minuta ta' filghodu.

Illi nhar t-tmienja ta' Jannar 2004 **xehed Kynan Muscat Scerri** [fol 29] fejn qal li hu direttur ta' Rimus Riley Limited u li lil imputat jafu bhala ex impjegat taghhom. Meta gie

muri d-dokument CSH 2 ikkonferma li dik il-kwerela giet maghmula minn Dottor Paul Farrugia f'ismu. Meta gie muri kopja tac-cekk allegatament mahrug minnu, ikkonferma li c-cekk gie mahrug minnu u zied jghid li dan ic-cekk hargu ghal Carmelo Dalli ghas-somma ta' mitejn lira maltin u li kien hareg cekk iehor datat hdax ta' Lulju 2002 wkoll fl-ammont ta' mitejn lira maltin ghal istess persuna.

Qal li skond ma qallu Carmelo Dalli, hu ma kienx ircieva dawn c-cekkijiet u li ma kienx sarrafhom hu. Ix-xhud ikkonferma li l-firma taht s-somma ta' l-mitejn lira maltin kienet tieghu. Qal li Carmelo Dalli kien ghamel xi xoghol ghal fabbrika w ghalhekk dehrlu li kellu jhallsu u hariglu cekk ta' mitejn lira maltin.

Spjega li Carmelo Dalli kien gie mqabbad mill-imputat odjern biex jaghmel dawk x-xogholijiet fil-fabbrika taghhom. Qal li l-imputat kien qallu wkoll li Carmelo Dalli kien qed jigri warajh sabiex jithallas u ghalhekk kien harighom c-cekkijiet w ghaddihom lil imputat biex jigu mghoddija lil Carmelo Dalli. Qal li dawn ic-cekkijiet gew imsarrfa w ghalhekk jigi li hu hareg erbgha mitt lira pero sa fejn kien jaf hu, Carmelo Dalli ma thallasx ghax-xoghol li kien ghamel, ghaliex hekk kien qallu.

Qal li lil Carmelo Dalli ma kienx jafu qabel ma gie ntrodott lilu mill-imputat. Qal li kuntatt ma Carmelo Dalli qatt ma kellu sakemm saru t-tiswijiet kolha u kien mar ghal pagament. Qal li l-imputat kien qallu li l-kont li kien hareg Carmelo Dalli ma kienx regolari fis-sens li kien hemm xi spejjes ta' xi *parts* li kienu gewh b'xejn u kien allega wkoll li Carmelo Dalli kien qallu li kien zamm taghhom wkoll fil-kont.

Qal li lil imputat hu qatt ma kellmu fuq din l-kwistjoni w ghadda l-kaz mill-ewwel lil pulizija. Qal li l-avukat tieghu kien qallu li kienu taw cans lil imputat sabiex jaghti l-flus lil Carmelo Dalli qabel ma waslu f'dawn il-proceduri.

Illi nhar l-ghoxrin ta' April 2005 **rega' xehed Kynan Muscat Scerri 'n kontr' ezami** [fol 50] fejn ikkonferma

dak li gie suggerit lilu mill-avukat difensur, li z-zewg cekkijiet esibiti fl-atti kienu hargu lil Carmelo Dalli ghal xoghol li kien ghamel ghal fabbrika taghhom. Mistoqsi jekk x-xoghol kienx lest, x-xhud wiegeb li sa fejn kien jaf hu, kien lest. Qal li lil Carmelo Dalli hu kien xorta hallsu avolja huwa ma rceviex dawn il-flejjes minghand l-imputat.

Illi nhar t-tmintax ta’ Frar 2004 **xehed PC 1094 Arthur Fenech** [fol 33] fejn qal li ikkonferma li l-istqarrija esibita bhala dokument JA rilaxxjata mill-imputat nhar d-disgha ta’ April 2003, giet rilaxxjata fil-presenza tieghu wara li nghata s-solita twissija. Hu ikkonferma l-firma tieghu, dik tal-Ispettur Joseph Agius u tal-imputat fuq kull faccata taghha.

Illi nhar d-disgha ta’ Mejju 2005 **xehed l-imputat minn jeddu b’mod voluntarju** [fol 53] fejn qal li hu kien ilu mpjegat ma Rimus Riley Trading Agency Limited ghal hames snin. Xogholu kien ta’ manager fil-fabbrika. Qal li Carmelo Dalli kien ghamel xi xoghol ghas-socjeta fuq s-sistema tal-gass, u nonostante dan x-xoghol, is-sistema baqghet ma hadmitx. Qal li sussegwentement Nenu Dalli kien talbu jghinu peress li hu enginier, u li kien lest li jaqsam mieghu dak li jaqla. Qal li l-*fault* kien sabu peress li ma kienx fil-gass, izda fic-*chamber* li kien maqsum u sussegwentement gie msewwi. Qal li sar jaf li kien jismu Carmelo meta talbu jiffirma c-cekk. Qal li Carmelo Dalli kien ghamel kont ta’ hames mija u hamsin lira, li mija hamsa w ghoxrin lira minnhom kienu l-valur tal-i*spare parts* li kien tah hu stess. Qal li Kynan Muscat Scerri kien tah cekk ta’ mitejn lira maltin u kien ser jaghtih cekk iehor ta’ mitejn lira ohra aktar tard u mija u hamsin lira minnhom kien ser jaghtihomlhom una volta jithallas mill-insurance.

Qal li meta kellu c-cekk f’idejh, hu kien cempel lil Carmelo Dalli u dan tal-ahhar kien qallu biex izommu ghalih. Qal li hu kien qal lil Carmelo Dalli li kien sejjer ghandu biex jiffirmah u dan qallu li setgha jzommu hu u biex jiffirmah f’ismu u jikteb il-kliem ‘*to be cashed by Mario Pisani Zammit*’. Qal li meta kienet ghaddejja din il-konversazzjoni ma Carmelo Dalli, hdejh kien hemm *salesgirl*. Qal li lil Carmelo Dalli kien talbu n-numru tal-

karta tal-identita biex ikun jistra jikteb ismu sew war c-cekk u hu kien tahulu. Zied jghid li nfatti kienet l-istess *salesgirl* li kitbet dan n-numru fuq d-diary. Qal li Carmelo Dalli kien qallu li jiddejjaq imur l-bank u qallu wkoll li meta l-kumpanija kienet ser taghtih c-cekk l-iehor, kellu jaghmel l-istess. Qal li c-cekk l-iehor wasal xi erbgha jew hames gimghat wara. Qal li hu kien ipprova jcempillu, pero ma qabdux. Qal li sussegwentement kien ra lil Carmelo Dalli l-Belt u qallu li qabel ma jirranga maghhom kellu jcempillu u baqa ma cempilx u minfloku cempel l-ispettur.

Ix-xhud qal li s-salesgirl li semma jisimha Dorianne Bonavia. Mistoqsi mill-prosekuzzjoni ghaliex ma kienx semma l-kwistjoni tal-i*spare parts* fl-istqarrija tieghu, x-xhud wiegeb li dak ma kienx minnu ghaliex hu kien semmiha dakinhar li rrilaxxja l-istqarrija. <u>Ikkonferma li veru kien ghamel firma ta' haddiehor fuq wara tac-cekk pero dan ghamlu ghaliex kien gie mitlub jaghmel hekk minn Carmelo Dalli stess</u>.

Meta saritlu referenza ghal ewwel faccata tal-istqarrija tieghu b'referenza ghal fejn qal li fil-fehma tieghu l-firma ma kienetx falza, izda kienet saret bil-kunsens ta' Carmelo Dalli, x-xhud wiegeb li dwar t-tieni cekk, Carmelo Dalli kien qallu biss li una volta jircievi c-cekk kellu jsarrfu. Qal li kien hu li sarraf t-tieni cekk, wara li Carmelo Dalli kien awtorizzah jiffirma l-ewwel cekk.

Illi nhar t-tmienja ta' Mejju 2006 **xehdet Dorianne Bonavia** [fol 72] fejn qalet li hi kienet taf lil imputat peress li kienet tahdem mieghu fl-SGS Confectionery f'San Gwann xi erbgha snin qabel. Qalet li hi kienet ghamlet xi sentejn tahdem mieghu u spiccat minn hemm xi erbgha snin ilu. Mistoqsija jekk tafx lil Carmelo Dalli, ix-xhud wiegbet fin-negattiv. Qal li sakemm damet impjegata mal-imputat, kien cempel xi hadd Carmelo Dalli u kellem lil imputat quddiemha. Qalet li waqt din il-konversazzjoni fuq t-telefon, l-imputat kien talabha tikteb numru tal-karta tal-identita u semghet wkoll lil imputat jistaqsi lil min kien qed jitkellem mieghu fuq t-telefon, jekk kellux jikteb Nenu Dalli u l-persuna l-ohra qaltlu biex jikteb C. Dalli. Qal li min kienet il-persuna l-ohra li kienet qed titkellem mal-imputat

fuq t-telefon, hi ma kienetx taf pero l-imputat quddiemha kiteb C. Dalli. Qalet li ma taf xejn dwar il-kwistjoni tac-cekk.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat fl-ewwel lok huwa akkuzat bir-reat ta' approprjazzjoni indebita kif kontemplat fl-artikolu 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

*"Kull min japproprja ruhu billi jdawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li tkn giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga, jew li jsir uzu minnha specifikat…"*
Minn ezami ta' dan l-artikolu jidher car li wiehed li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approporjazzjoni indebita fil-kuntest tal-kaz presenti, huwa kostitwit mill-frazi "*uzu minnha specifikat…*". Specifikat minn min! Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lil agent, u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonseja l-haga u hadd hliefha, li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lil agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett konsenjat lilu minnha.

Kif rilevat fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbatax ta' Frar 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v John Gauci:**

*"Jekk l-konsenjatur jaghti flus lil agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat t'approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihomkarita. Jekk l-konsenjatur jaghti flus lil agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita, apparti l-kwistjoni tal-moralita. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat."*

F'kull kaz, fl-indagini dwr il-htija t'approprjazzjoni, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifika mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.

Fil-kaz presenti, qed jigi allegat li l-imputat ikkommetta approprjazzjoni ndebita billi m'ghaddiex zewg cekkijiet li kellu lil Carmelo Dalli u minflok, sarrafhom u zamm il-flus ghalih. Biex tigi ppruvata l-kommissjoni ta' dak r-reat, ghandu jirrizulta li Kynan Muscat Scerri obbliga lil imputat li jghaddi dawn c-cekkijiet lil Carmelo Dalli. Dan l-obbligu zgur li jirrizulta mill-provi ghaliex Kynan Muscat Scerri spjega kif Carmelo Dalli kien ghamel xi xoghol ta' manutenzjoni f'xi forn tas-socjeta minnu rapprezentata u dawk iz-zewg cekkijiet kienu jirrigwardaw hlas taghhom. Jirrizulta mix-xhieda ta' Carmelo Dalli wkoll li l-imputat qatt ma ghaddielu dawn ic-cekkijiet jew addirittura li qallu bihom u li sa fejn kien jaf hu, kienu ghadu qed jistenna li jithalas minghand Kynan Muscat Scerri. Ghalhekk l-imputat zamm l-flus u ma kkonsinnax l-oggett li gie fdat lilu bl-obbligu li jghaddihom lil Carmelo Dalli, ghalhekk din l-akkuza t'approprjazzjoni ndebita tirrizulta b'mod sodisfacenti.

Dwar t-tieni akkuza u cioe dik ta' falsifikazzjoni l-Qorti ma thossx li hemm wisq xi tghid u dan ghaliex l-imputat stess fix-xhieda tieghu, jghid li ffirma hu fuq wara tac-cekk l-isem ta' Carmelo Dalli. Kienet x'kienet r-raguni, l-imputat ma kellu ebda dritt jaghmel hekk u cioe li jiehu flus mill-bank minn kont ta' terzi kontra firma falza u cioe meta tali cekk ma kienx intestate lilu mill-intestatur tieghu w ghalhekk din l-akkuza tirrizulta wkoll pprovata b'mod sodisfacenti.

Rat il-fedina penali tal-imputat esibita bhala dokument CSH 1 a fol 5 tal-atti minn fejn jirrizulta li l-imputat diga kiser dufrejh mal-ligi diversi drabi fejn gie kkundannat diversi multi w ammendi izda dan nonostante l-imputat ma tghallimx mill-opportunitajiet moghtija lilu u llum jinsab l-Qorti akkuzat b'dawn l-akkuzi odjerni.

Ghaldaqstant **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 18, 293, 294, 183 u 310(b) tal-Kap 9 u tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat MARIO PISANI ZAMMIT hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa komplessiva ta' tlett mitt [300] lira maltin, liema**

**multa ghandha tithallas fi zmien xahar mill-lum u fin-nuqqas tigi awtomatikament konvertita f'sittin [60] jum priguneria.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur, Qorti Kriminali ghal kull interess li jista jkollu.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------